**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 54/09VG**

**Martin Mizzi u Josephine Mizzi**

**Vs**

**Flock Image Company Limited**

**Illum 13 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Martin Mizzi u Josephine Mizzi fit-13 ta' Frar 2009 permezz ta' liema jitolbu li prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluża dik li s-soċjetà Flock Image Company Limited hija responsabbli għad-danni minnhom sofferti, tikkundanna lill-imsemmija Flock Image Company Limited tħallashom id-danni kollha lilhom kkaġunati tort ta' l-inadempjenza kontrattwali tagħha u dan billi hija issuplixxiet materjal ħażin u/jew ma għamlitx xogħlijiet skond is-sengħa u l-arti, dwar liema danni hija ġiet diversi drab interpellata biex l-istess jiġu likwidati u minnha imħallsa iżda dejjem baqgħet inadempjenti, bl-imgħaxijiet dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri bonarji mibgħuta lis-soċjetà konvenuta kif ukoll għal dawk l-atti kawtelatorji maħruġa in kawtela tat-talba tagħhom kontra s-soċjetà Flock Image Company Limited;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi li d-danni minnhom pretiżi huma limitati għad-*damnum emergens* u għall-finijiet ta' kompetenza tali danni ma jeċċedux is-somma ta' ħdax-il elf sitt mija sitta u erbgħin Euro (€11,646);

Rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta permezz ta' liema tilqa' għat-talbiet attriċi billi: (i) tikkontesta kull responsabilità kuntrattwali addebitata lilha stante li la huwa minnu li l-materjal supplit kien ħażin u lanqas ma huwa minnu li ma għamlitx xogħol skond is-sengħa u l-arti; (ii) id-danni sofferti mill-atturi huma riżultat ta' xogħol li sar wara li hija lestiet u adempiet l-inkarigu tagħha u li għalih ma hijiex responsabbli;

Rat li b'Digriet datat 23 ta' Marzu 2009[1], in vista tan-natura teknika tal-kawża ġie nominat il-Perit Mario Cassar bħala Perit Tekniku sabiex jirrelalta dwar it-talbiet ta' l-atturi, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;
Rat li b'Digriet datat 15 ta' Ġunju 2009[2], l-inkarigu tal-Perit Mario Cassar ġie proviżorjament sospiż fuq talba tas-soċjetà konvenuta[3] stante li waqt aċċess li nżamm mill-istess Perit irriżulta li l-attur, qabel jew fil-mori ta' dawn il-proċeduri, qala' x-xogħlijiet kollha esegwiti mis-soċjetà konvenuta u b'hekk ftit hemm x'jista' jiġi ikkonstatat mill-Perit Tekniku;

Rat li b'Digriet ulterjuri datat 15 ta' Ġunju 2010[4], il-Qorti rrevokat *contrario imperio* id-Digriet tagħha tal-15 ta' Ġunju 2009 u minflok irriappuntat lill-Perit Mario Cassar bħala Perit Tekniku sabiex, wara li jiġbor il-provi kollha tal-partijiet, jirrelata dwar it-talbiet attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta;

Rat l-affidavit ta' Paul Montanaro esebit mill-atturi permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Jannar 2011 a fol. 40 u 41 tal-proċess, rat ukoll CD esebit a fol. 42 tal-proċess;

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Perit Tekniku fis-17 ta' Mejju 2013[5], fejn talab li l-Qorti tikkonferma seduti għas-segwenti dati: l-Erbgħa 9 ta' Ottubru 2013 fil-11:00a.m., l-Erbgħa 23 ta' Ottubru fil-11:00a.m. u t-Tnejn 4 ta' Novembru 2013 fill-11:00a.m.

Rat li t-talba tal-Perit Tekniku ġiet milqugħa b'Digriet datat 23 ta' Mejju 2013[6];

Rat it-talba avvanzata mis-soċjetà konvenuta waqt is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2013[7], fejn talbet l-isfilz ta' l-affidavit u tal-kontro-eżami ta' l-attur Martin Mizzi in kwantu huwa ripetutament naqas milli jattendi għas-seduti ffissati mill-Perit Tekniku sabiex jitkompla l-kontro-eżami tiegħu. Rat ukoll ir-Rikors tal-Perit Tekniku ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 2013[8], fejn għarraf lill-Qorti li l-attur ma attendiex għas-seduti ffissati b'Ordni tal-Qorti u b'hekk il-kontro-eżami tiegħu ma setax jitkompla;

Rat li b'Digriet datat 9 ta' Diċembru 2013[9], il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha mogħtija mill-attur, ossia ta' l-affidavit u tal-kontro-eżami tiegħu u ddikjarat l-istadju tal-provi ta' l-atturi magħluq u konsegwentement idderiġiet lill-Perit Tekniku sabiex jiffissa seduti għall-fini li s-soċjetà konvenuta tressaq il-provi tagħha;

Rat it-talba avvanzata mid-Difensur ta' l-attur waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2015[10], permezz ta' liema talab is-sospensjoni proviżorja ta' l-inkarigu tal-Perit Tekniku stante li huwa (ossia d-Difensur ta' l-atturi) kien qed jkollu diffikultà biex jikkomunika ma' l-atturi;

[1] Fol. 9 tal-proċess.
[2] Fol. 9a tal-proċess.
[3] Fol. 10 sa' 12 tal-proċess.
[4] Fol. 16 tal-proċess.
[5] Fol. 53 tal-proċess.
[6] Fol. 55 tal-proċess.
[7] Fol. 58 tal-proċess.
[8] Fol. 57 tal-proċess.
[9] Fol. 58 tal-proċess.
[10] Fol. 64 tal-proċess.

Rat li b'Digriet datat 5 ta' Frar 2015[11], il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difensur ta' l-attur u issospendiet l-inkarigu tal-Perit Tekniku proviżorjament sat-13 ta' April 2015, entro liema żmien id-Difensur ta' l-atturi kellu jipprova jikkomunika magħhom u jirregola ruħu skond il-każ, u jekk sa' dakinhar tat-13 ta' April 2015 ma jsir xejn da parte ta' l-atturi l-inkarigu tal-Perit jiġi ripristinat;

Rat li b'Digriet datat 13 ta' April 2015[12], wara li l-atturi u d-Difensur tagħhom imsejħin tlett darbiet ma dehrux, il-Qorti rripristinat l-inkarigu tal-Perit Tekniku u ordnat il-prosegwiment tas-seduti quddiem l-istess Perit;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku ppreżentata u maħlufa waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2016, a fol. 84 sa' 292 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' l-atturi ppreżentata fil-21 ta' Marzu 2016[13], permezz ta' liema talbu n-nomina ta' Periti Perizjuri;

Rat li fis-7 ta' April 2016, il-Qorti rrilevat li n-Nota ta' l-atturi għan-nomina ta' Periti Perizjuri kienet tardiva peress illi r-Relazzjoni tal-Perit Tekniku nħalfet minnu fl-10 ta' Marzu 2016 u l-atturi ippreżentaw in-Nota tagħhom fil-21 ta' Marzu 2016. Irrilevat ukoll li għalkemm l-atturi irriservaw id-dritt għall-eskussjoni tal-Perit Tekniku, la huma u lanqas id-Difensur tagħhpm ma dehru għas-seduta tas-7 ta' April 2016 u lanqas ma ġie nġunt il-Perit Tekniku;

Rat li l-kawża baqgħet differita għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

Il-proċeduri odjerni huma proċeduri għad-danni istitwiti mill-atturi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta permezz ta' liema jitolbu li prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluża dik li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni minnhom sofferti, il-Qorti tikkundanna lill-imsemmija soċjetà tħallashom id-danni kollha lilhom ikkaġunati tort ta' l-inadempjenza kontrattwali tagħha u dan billi hija issuplixxiet materjal ħażin u/jew ma għamlitx xogħlijiet skond is-sengħa u l-arti. L-atturi jiddikjaraw li l-azzjoni tagħhom hija limitata għad-*damnum emergens* u għall-finijiet ta' kompetenza, id-danni minnhom pretiżi ma jeċċedux is-somma ta' €11,646.00.

Is-soċjetà konvenuta tilqa' għat-talba attriċi billi: (i) tikkontesta kull responsabilità kuntrattwali addebitata lilha stante li la huwa minnu li l-materjal supplit kien ħażin u lanqas ma huwa minnu li ma għamlitx xogħol skond is-sengħa u l-arti; (ii) id-danni sofferti mill-atturi huma riżultat ta' xogħol li sar wara li hija lestiet u adempiet l-inkarigu tagħha u li għalih ma hijiex responsabbli.

[11] Fol. 64 tal-proċess.
[12] Fol. 66 tal-proċess.
[13] Fol. 293 tal-proċess.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-atturi nkarigaw lis-soċjetà konvenuta sabiex tagħmel xogħlijiet ta' *liquid membrane* fis-swimming pool tal-fond tagħhom Nru.402, Triq is-Salini, Marsascala. Xi żmien wara li x-xogħlijiet kollha fuq is-swimming pool ġew kompletati, u cioè anke xogħlijiet ulterjuri meħtieġa minn terzi, u din bdiet tintuża, l-atturi nnutaw li partijiet mill-madum tas-swimming pool bdew jintefħu u meta saret spezzjoni akkurata rriżulta li l-istess kienu qed jinqalgħu minn mal-ħajt, bil-liquid membrane b'kollox. L-atturi jikkontendu li dan kollu ġara minħabba inadempjenza kontrattwali tas-soċjetà konvenuta li jew ipprovdiet materjal ħażin jew inkella ma esegwietx ix-xogħlijiet lilha kommissjonati skond is-sengħa u l-arti.

Fid-dawl tan-natura teknika ta' din il-kawża, il-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar bħala Perit Tekniku bil-għan li jirrelata dwar it-talbiet attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

Il-Perit Tekniku ħalef u ppreżenta r-Relazzjoni[14] tiegħu fl-10 ta' Marzu 2016 u wara li ikkonstata li: *1. Meta l-esponent ġie nkarigat waqt is-seduta quddiem din l-Onorabbli Qorti tat-23 ta' Marzu 2009, ix-xogħlijiet biex jinqala' l-madum u l-liquid membrane kienu diga saru, u fil-fatt l-esponent waqt l-aċċess tat-Tnejn 2 ta' Ġunju 2009 ikkonstata illi s-swimming pool kienet reġgħet ġiet miksija u mimlija bl-ilma. 2. Mill-affidavit u mix-xhieda ta'* ***Paul Montanaro*** *jirriżultaw diversi punti: i. Illi l-madum tal-ħajt tas-swimming pool beda jinqala' bil-liquid membrane miegħu, bħal ma jidher mis-CD li rrefera għaliha l-istess xhud. ii. Illi meta nqala' l-liquid membrane warajh kien imxarrab; iii. Illi l-istess Paul Montanaro kellu dubji dwar il-kisja li kien applika Joe Gerada* (persuna inkarigata mill-atturi biex jiksi s-swimming pool u jqiegħed il-madum fiha. Dan ma kellu xejn x'jaqsam mas-soċjetà konvenuta u max-xogħlijiet minnha esegwiti) *meta kesa l-pool l-ewwel darba. Fil-fatt wara li nqalgħu l-madum u il-membrane, dan ix-xhud reġa' kesa b'materjal tas-SIKA fuq il-kisja ta' Gerada, u reġa' qiegħed il-madum. Mix-xhieda tal-**Perit Philip Azzopardi** jirriżulta: i. Illi huwa kien mar fuq il-lok mertu tal-każ wara illi l-attur innota 'nefħa' fil-madum. Ix-xhud issuġerixxa li għandu jaqla' parti mill-madum, iżda meta reġa' mar fuq il-post sab illi l-madum mal-membrane kien inqala' kollu. 3. Fl-affidavit tal-konvenut **Nick Atkinson** jirriżultaw diversi punti rilevanti: i. Illi f'paġna 2 ta' l-affidavit, il-konvenut jirreferi għal fatt illi l-attur kien talbu kif seta' jfittex lit-tiler Gerada għax kien jemmen illi huwa għamel xogħol ħażin. ii. Illi fit-tielet paġna, il-konvenut isemmi il-fatt illi huwa ma kienx irċieva risposta mingħand l-attur biex ikun jista' jispezzjona il-ħsara qabel ma bdew ix-xogħlijiet riparatorji. iii. Għall-aħħar ta' l-istess paġna l-konvenut jiddikjara illi l-madum li kien qiegħed it-tiler Gerada ma kellux expansion joints. 4. Il-konvenut ippreżenta letteratura dwar materjali li jintużaw fil-mistier u pubblikazzjonijiet dwar l-importanza illi l-madum jitqiegħed b'expansion joints,* **il-Perit Tekniku kkonkluda li**: *1. Illi dan il-każ huwa purament ta' natura teknika u li l-esponent ma setax jispezzjona x-xogħlijiet allegatament difettużi bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ħażina tal-liquid membrane minn naħa tas-soċjetà konvenuta. 2. Illi minn dak li seta' jikkonstata l-esponent huwa rilevanti illi jinnota illi l-madum intefaħ u nqala' bil-liquid membrane miegħu minn mal-kisja li kien applika l-ewwel tile layer għal dawn ir-raġunijiet: i. Seta' jagħti l-każ illi fl-ewwel kisja tat-tile layer Gerada kienet tinkludi xi tip ta' waterproofing admixture. ii. Illi n-nuqqas ta'*

[14] Fol. 84 sa' 292 tal-proċess.

*expansion joints (movement joints) ikkompromettew l-interphases ta' bejn il-madum tal-pool u s-saff tal-liquid membrane u l-kisi. F'dan il-każ jinħolqu ħafna tension forces ta' espansjoni u kontrazzjoni, skond jekk l-ambjent ikunx kiesaħ jew sħun. iii. Seta' kien il-każ illi l-pool ma kinitx niexfa meta ġie applikat il-liquid membrane. iv. Seta' ngħata l-każ illi milli seta' jikkonstata mix-xhieda, l-istess liquid membrane sar brittle, u ma baqax elastiku u dan seta' kien riżultat ta' interazzjoni ma' xi kimika applikata fuqu jew mal-kolla li nutżat biex twaħħal il-madum. 3. Illi meta kkunsidra dawn ix-xenarji kollha l-esponent huwa tal-fehma illi bi probabilità kbira l-kawża tal-ħsara mertu taċ-ċitazzjoni huma l-ewwel żewġ fatturi msemmija hawn fuq, jiġifieri illi ġie applikat xi waterproofing agent mal-kisja, u li ma sarux movement joints meta tqiegħed il-madum. (Ta' l-ewwel ma tistax tiġi stabbilita b'ċertezza għax l-ewwel tile layer Joe Gerada ma ġiex imtella biex jixhed, u l-esponent ma kellux il-fakultà illi jagħmel absorption tests fuq l-ewwel kisja). 4. Għalhekk meta l-esponent ikkunsidra l-provi u il-fatturi ndikati hawn fuq huwa tal-fehma illli bi probabilità kbira, is-soċjetà konvenuta ma għandhiex tort f'dak illi rriżulta, u speċifikatament illi l-madum tal-pool nqala' u ntefaħ.*

Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa prinċipju kardinali f'kull azzjoni għad-danni li *biex tirriżulta responsabbilità għall-ħsara, irid ikun hemm ness ta' kawża u effett, u dan in-ness irid jiġi pruvat mill-vittma tal-ħsara*[15]. Huwa proprio dan in-ness bejn il-materjal provdut u x-xogħol esegwit mis-soċjetà konvenuta u l-ħsara u konsegwenti danni riskontrati mill-atturi, li l-istess atturi ma seħħilhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti.

Dana ġara għar-raġuni ċentrali li l-atturi stess, qabel ma istitwew dawn il-proċeduri fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, qalgħu l-allegat xogħol ħażin fis-swimming pool tagħhom u għamlu x-xogħol mill-ġdid, bil-konsegwenza li l-Perit Tekniku nominat mill-Qorti ma setax jagħmel il-verifiki meħtieġa b'mod komplut iżda kellu jillimita ruħu għall-provi piuttost skarni prodotti mill-atturi. In effetti l-unika prova li ressqu l-atturi - jew għall-inqas l-unika prova prodotta mill-atturi li validament baqgħet fil-proċess stante li l-affidavit u kontro-eżami ta' l-attur ġew sfilzati in kwantu huwa baqa' ripetutament ma deherx għas-seduti ffissati bil-għan li jitlesta u jiġi konkluż il-kontro-eżami tiegħu - tikkonsisti fix-xhieda ta' Paul Montanaro u d-DVD esebit minnu u fix-xhieda tal-Perit Philip Farrugia.

Mill-affidavit[16] u l-kontro-eżami[17] ta' Paul Montanaro, li kien il-persuna li mill-ġdid għamel ix-xogħol fis-swimming pool ta' l-atturi, jirriżulta li huwa ddubita mhux biss-mix-xogħol esegwit mis-soċjetà konvenuta iżda anke mix-xogħol esegwit minn Joe Gerada, li kien il-persuna li ħa ħsieb il-kisi tas-swimming pool qabel ma ġiet applikata il-liquid membrane u in segwitu qiegħed il-madum tal-pool. Fir-rigward huwa ddikjara li: *ngħid illi wara li qlajna l-madum u l-membrane, kellna niksu l-pool mill-ġdid. Ngħid li s-sid ma riedtx il-pool aktar bil-liquid membrane wara li kien ġralu. Ngħid li il-kisja oriġinali saret minn Joe Gerada. Jien użajt kisja tas-SIKA għat-tieni kisja u mhux bħal dik ta' Gerada. Wara ġimgħa li mlejniha bl-ilma,*

[15] Ara sentenzi riportati fil-Vol. XLI.I.800, XXVI.I.687 u XLII.I.517.
[16] Fol. 40 u 41 tal-proċess.
[17] Fol. 87 tal-proċess.

*is-sid kien sodisfatt u għalhekk komplejna bil-madum.* ***Jien il-kisja ta' Gerada ma fdajthiex***[18].

Il-Perit Philip Azzopardi[19], ossia l-Perit inkarigat mill-atturi għall-bini tal-pool u tad-dar tagħhom, xehed dwar dak li ra meta bagħat għalih l-attur Martin Mizzi, u cioè *wara xi żmien Martin Mizzi ċempilli biex immur nara l-pool għax kien hemm nefħa fit-tiles mal-ġenb tal-pool. Għedtlu biex ibattal il-pool, jiena mort meta l-pool kienet imbattla, inżilt fiha u fil-fatt kien hemm nefħa kbira fil-ġenb tagħha. Iċċekkjajt il-pool kollha billi qadt intektika kemm mal-ħitan u kemm fl-art u sbit li kien hemm diversi inħawi li kienu jtaptpu, jiġifieri illi jidher li l-madum kien maqtugħ minn mal-ħajt. Għidtlu biex naqalgħu biċċa speċjalment fejn kien hemm in-nefħa u dan beda jinqala' kollu bil-membrane b'kollox u nkixef il-ħajt tal-pool li kien miksi bis-sement. Għidtlu biex ikompli jaqla' biex naraw x'ser insibu. Kien ċempilli u qalli biex immur nara għax qiegħed jinqala' kollox, bil-membrane b'kollox. Mort nara u sibt li nqala' kollox 'clean' minn mal-kisi, jiġifieri t-tiles beda jinqala' b'kollox, bil-membrane b'kollox. Niftakar kont staqsejt lill-klijent jekk tal-membrane kien ħalla żmien biżżejjed biex il-pool tinxef. Qalli li skond Nick Atkinson, il-pool kienet tajba biex tinżebaħ.* Minkejja dak minnu dikjarat dwar x'ra, il-Perit Azzopardi però ma esprima l-ebda opinjoni jew veduta dwar għaliex, skontu bħala persuna teknika, ġara dak li ġara.

Stranament l-atturi naqsu milli jressqu bħala xhud lil Joe Gerada, li kien il-persuna l-oħra li ħadem fuq is-swimming pool tagħhom, biex dan jispjega kif għamel il-parti tax-xogħol tiegħu, li kif ingħad kien jikkonsisti fil-kisi tal-pool qabel l-applikazzjoni tal-liquid membrane u t-tqegħid tal-madum fuq il-liquid membrane, xogħol li bla dubju ta' xejn seta' effettwa u impatta l-liquid membrane nnifisha. Fattur ieħor li ma tantx għen lill-atturi huwa n-nuqqas ta' kontro-eżami ta' Nick Atkinson, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, bil-konsegwenza li ċerta affermazzjonijiet li għamel, bħal ad eżempju *he* [ossia l-attur] *then asked me whether I could help him in "going after his tiler as he believed it was the tiler's fault for having applied the tiles badly hence their detachment". ... At this stage I informed Mr. Mizzi that I had nothing to do or any responsibility for the improper application of the tiles to the sides and floor of the swimming pool and also that it was not my job to "go after his tiler but that this was something that only he could do as my company was only involved in water proofing the pool and nothing else"*, baqgħu ma ġewx attakkati jew mxejna. In effetti għalkemm deher ċar wara l-preżentata ta' l-affidavit ta' Nick Atkinson li l-atturi riedu jagħmlu kontro-eżami tiegħu, għal xi raġuni l-istess atturi ma baqgħux jattendu għas-seduti u qatgħu l-kuntatt mad-Difensur tagħhom, bil-konsegwenza għalhekk li tali kontro-eżami baqa' qatt ma sar.

Apparte dan kollu appena osservat, li fih innifsu huwa già fatali għall-azzjoni attriċi, il-Qorti ma tistax tinjora dak konkluż mill-Perit Tekniku dwar dak li skontu bi probabilità kbira kkawża u kkaġuna l-ħsarat riskontrati mill-atturi fis-swimming pool tagħhom, ossia li x'akatrx ġie applikat xi waterproofing agent mal-kisja tal-pool u li ma sarux movement joints meta tqiegħed il-madum. Dawn ix-xogħlijiet ma ġewx esegwiti mis-soċjetà konvenuta iżda minn terzi persuni inkarigati mill-atturi u għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta ma tistax u ma għandhiex tinstab responsabbli

[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Fol. 86 tal-proċess.

għal ħsarat li ma jirriżultax li seħħu minħabba l-materjal provdut minnha u/jew mix-xogħlijiet minnha esegwiti.

Fir-rigward perizji ta' Periti Tekniċi nominati mill-Qorti u l-valur probatorju tagħhom, huwa ormai prinċipju ferm assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-Qorti hi dejjem parir u, kif jiddispondi espressament l-Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha. B'danakollu, issokta jiġi ppreċiżat ukoll illi dawk il-konklużjonijiet peritali ma għandhomx jiġu faċilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irraġonevoli u ma jkunux nġiebu raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika*[20].

Il-Qorti ma tqisx li l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku huma, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, irraġonevoli u lanqas ma nġabu raġunijiet mill-atturi li gravement ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li t-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ma ġewx sodisfaċentement ippruvati u konsegwentement ma jistħoqqx li jiġu milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-atturi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[20] Paul Cutajar v. Bugeja Marbles Ltd., Appell Ċivili Nru. 3/05 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007.